# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ippreżentati fis-27 ta’ Novembru 2008 [1]

## Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

1. Fit-22 ta’ Marzu 2001 AEPI Elliniki Etaireia pros Prostasian tis Pnevmatikis Idioktisias AE (iktar ’il quddiem: “AEPI” jew l-appellanta), kumpanniji rregolata mil-liġi Griega inkarigata bit-tmexxija kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet mużikali, ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni kontra r-Repubblika Griega u kontra tliet korpi Griegi ta’ tmexxija kollettiva tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur li tagħhom huma proprjetarji, rispettivament, il-kantanti li jinterpretaw, il-mużiċisti li jeżegwixxu u l-produtturi ta’ sostenn materjali awdjo u/jew viżivi (Erato, Apollon u Grammo; iktar ’il quddiem: il-“korpi ta’ tmexxija tad-drittijiet relatati”).

2. F’dan l-ilment, AEPI sostniet, minn naħa, li dawn il-korpi kienu kisru l-Artikoli 81 KE u 82 KE billi stabbilixxew livell eċċessivament għoli, sa 5 % tad-dħul gross tax-xandara tar-radju u tat-televiżjoni Griegi, għall-ħlas tad-drittijiet relatati u, min-naħa l-oħra, li r-Repubblika Griega kienet kisret l-Artikolu 81 KE billi ppermettiet li japplikaw akkordji u prattiċi miftiehma f’dan ir-rigward. AEPI allegat danni serji u irreparabbli b’konsegwenza tat-tali aġir, li, billi qiegħed imposti eċċessivi fuq l-impriżi li jagħmlu użu minn xogħlijiet mużikali, ippreklidiethom milli jħallsu d-drittijiet tal-awtur hekk kif kienu meħtieġa jagħmlu minnha.

3. Permezz ta’ żewġ deċiżjonijiet separati tat-18 u tal-20 ta’ April 2005 il-Kummissjoni, rispettivament, ċaħdet l-ilment imressaq kontra l-korpi ta’ tmexxija tad-drittijiet relatati u arkivjat l-ilment imressaq kontra r-Repubblika Griega [2].

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — Id-deċiżjoni tal-20 ta’ April 2005 ġiet appellata mill-AEPI quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta’ rikors għal annullament li ġie miċħud permezz tas-sentenza tal-5 ta’ Settembru 2006,, AEPI vs Il-Kummissjoni (T-242/05), ikkonfermata permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta’ Lulju 2007, AEPI vs Il-Kummissjoni (C-461/06 P).

4. Id-deċiżjoni tat-18 ta' April 2005 (iktar 'il quddiem: id-"deċiżjoni kkontestata") hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"Fil-każ inkwistjoni, l-allegat ksur mhuwiex tali li joħloq ostakoli kunsiderevoli fis-suq komuni, peress li l-partijiet kollha involuti għandhom is-sede tagħhom fil-Greċja u jeżerċitaw l-attività kummerċjali tagħhom hemmhekk biss. Mhuwiex previst li din is-sitwazzjoni tinbidel, jiġifieri li tliet korpi [ta' tmexxija ta' drittijiet relatati] wara ftit jibdew jeżerċitaw l-attività kummerċjali tagħhom f'pajjiżi oħra, meta wieħed iqis l-istruttura tas-swieq tas-servizzi għall-ħarsien tad-drittijiet relatati u d-diffikultajiet prattiċi ta din l-impriża. Minbarra dan, l-effetti tal-prattiċi li qed jiġu allegati jseħħu biss fil-kuntest tas-suq Grieg. Il-kuntratti għall-użu tal-mużika jiġu konklużi biss ma' xandara tar-radju u tat-televiżjoni, kif ukoll utenti oħra li jinsabu l-Greċja. It-tliet korpi [ta' tmexxija tad-drittijiet relatati] huma kompetenti biss għall-ħarsien tad-drittijiet relatati fil-Greċja u ma ħandhomx il-possibbiltà prattika li jeżerċitaw din il-kompetenza barra minn dan il-pajjiż.

Min-naħa l-oħra, sabiex tagħti prova tal-eżistenza ta' ksur eventwali il-Kummissjoni tagħmel investigazzjoni kumplessa fuq il-kundizzjonijiet prevalenti fis-suq ikkonċernat u fuq l-alternattivi disponibbli. Fl-ewwel lok, peress li, minn naħa, il-liġi Griega (b'konformità mad-Direttiva 92/100/KEE) tipprovdi li kumpens wieħed għandu jingħata għad-drittijiet relatati kollha, min-naħa l-oħra, il-ksur allegat huwa dovut għall-fatt li t-tliet korpi jippreżentaw rwieħhom mal-utenti biex jitolbu dan il-kumpens, il-Kummissjoni għandha tagħti prova tal-eżistenza u l-effiċjenza eventwali ta' metodi li jippermettu li jintalab separatament il-ħlas tal-kumpens uniku. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni għandha mhux tagħti prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva min-naħa tat-tliet korpi, iżda, skont is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Tournier u Lucazeau [*et*] [3], għandha tistħarreġ ukoll il-livelli relatati mal-prezzijiet tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' kalkolu rispettivi, fuq il-kriterji li ntużaw u fuq il-kundizzjonijiet prevalenti fis-suq Grieg meta mqabbel [mas-swieq tal-] pajjiżi Ewropej l-oħra.

Barra minn hekk għandu jiġi enfasizzat li l-kumpannija tagħkom għandha l-possibbiltà li tressaq l-ilmenti tagħha quddiem l-awtoritajiet nazzjonali. B'mod partikolari, tista' tkun kompetenti l-Awtorità Griega għall-Kompetizzjoni. [Din] hija, permezz tal-għarfien iddettaljat tal-kundizzjonijiet tas-suq nazzjonali li hija għandha, perfettament kapaċi tiddeċiedi l-ilment tagħkom. Il-fatt li l-partijiet kollha involuti u l-utenti kollha tal-mużika kkonċernati għandhom is-sede tagħhom u jeżerċitaw l-attività kummerċjali tagħhom fis-suq Grieg jagħti importanza ulterjuri lill-għarfien iddettaljat tal-kundizzjonijiet tas-suq lokali. Wara kollox, din l-awtorità għandha l-kompetenza li tapplika l-Artikoli [81 KE u 82 KE] daqs kemm għandha l-Kummissjoni Ewropea.

Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li l-portata u l-kumplessità tal-miżuri ta' stħarriġ meħtieġa biex jiġi vverifikat jekk l-aġir tat-tliet korpi ta' tmexxija (...) tad-drittijiet relatati kinitx konformi jew le mar-regoli tad-dritt

3 — Sentenzi tat-13 ta' Lulju 1989, rispettivament, (395/87, Ġabra p. 2521) u (Kawżi magħquda 110/88, 241/88 u 242/88, Ġabra p. 2811).

Komunitarju dwar il-Kompetizzjoni huma sproporzjonati meta pparagunati mal-importanza daqstant limitata ta' ksur eventwali li jmur kontra l-operat tas-suq komuni. Għaldaqstant il-kwistjoni ma tissollevax l-interess Komunitarju meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tiftah proċedura ta' investigazzjoni." [4] [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem: il-"Qorti tal-Prim'Istanza) fil-15 ta' Ġunju 2005 l-AEPI talbet l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Dan ir-rikors, li permezz tiegħu l-appellanta lmentat żball manifest ta' evalwazzjoni tal-interess Komunitarju u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, ġie miċħud mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2007, Kawża T-229/05, AEPI vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem: is-"sentenza appellata"), li fiha l-appellanta ġiet ikkundannata għall-ispejjeż.

6. Fl-ambitu tal-eżami tal-motiv dwar l-allegat ksur manifest ta' evalwazzjoni l-Qorti tal-Prim'Istanza [5] fakkret li, "[s]abiex jiġi evalwat l-interess Komunitarju li jsir l-eżami ta' prattika, il-Kummissjoni [...] għandha, b'mod partikolari, tqis l-[effett] tal-allegat ksur fuq kif opera s-suq komuni, il-probabbiltà li tkun tista' tikkonstata l-eżistenza u l-portata tal-miżuri ta' investigazzjoni neċessarji, sabiex tilħaq, bl-aqwa mod possibbli, il-kompitu tagħha li jiġu osservati l-Artikoli 81 KE u 82 KE" (punt 40 tas-sentenza appellata) [6] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7. Il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret għaldaqstant, fir-rigward ta' "dannu għall-funzjonament tas-suq komuni", li, skont ġurisprudenza stabbilita, "ftehim bejn impriżi, sabiex ikun jista' jikkawża dannu lill-kummerċ bejn Stati Membri, għandu, abbażi ta' numru ta' elementi oġġettivi ta' dritt jew ta' fatt, jippermetti li jiġi previst b'grad ta' probabbiltà suffiċjenti li huma jeżerċitaw influwenza diretta jew indiretta, attwali jew potenzjali, fuq it-tendenzi tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, b'mod li jkunu jistgħu jippreġudikaw il-kisba tal-għanijiet ta' suq uniku bejn Stati" (punt 42 tas-sentenza appellata) [7] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija żiedet li "kull akkordju jew prattika miftiehma li jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri b'mod li jista' jkun ta' dannu għat-twettiq tal-għanijiet ta' suq uniku bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari billi jwarrab is-swieq nazzjonali jew li jbiddel l-istruttura tal-kompetizzjoni fis-suq komuni, jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju", filwaqt li "l-aġir li l-effetti tiegħu huwa limitat ġewwa t-territorju ta' Stat Membru wieħed jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema legali nazzjonali" (punt 43 tas-sentenza appellata) [8] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 — Traduzzjoni mhux uffiċjali ta' ċitazzjoni tal-verżjoni oriġinali bil-Franċiż tad-deċiżjoni kkontestata.

5 — Kull parti tas-sentenza appellata li tinsab f'parenteżi fit-test ta' dawn il-konklużjonijiet hija traduzzjoni mhux uffiċjali.

6 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenzi tagħha tat-18 ta' Settembru 1992, Automec vs Il-Kummissjoni (T-24/90, Ġabra p. II-2223, punt 86); tal-24 ta' Jannar 1995, Tremblay *et* vs Il-Kummissjoni (T-5/93, Ġabra p. II-185, punt 62), u tal-14 ta' Frar 2001, Sodima vs Il-Kummissjoni (T-62/99, Ġabra p. II-655, punt 46).

7 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni (42/84, Ġabra p. 2545, punt 22), u tat-28 ta' Frar 2002, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-395/94, Ġabra p. II-875, punt 90).

8 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tiċċita f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 1979, Hugin vs Il-Kummissjoni (22/78, Ġabra p. 1869, punt 17).

8. Il-Qorti tal-Prim'Istanza imbagħad osservat li, "[b]'mod iktar partikolari, fis-settur tad-drittijiet tal-awtur [...], skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-konsegwenzi tal-ksur ilmentat huma limitati biss essenzjalment fit-territorju ta' Stat Membru u meta kawżi bejn min qiegħed jilmenta u l-entità li hi s-suġġett tal-ilmenti jitressqu quddiem il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' dan l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tiċħad l-ilment minħabba nuqqas ta' interess Komunitarju suffiċjenti għall-ipproċessar tal-eżami tal-każ sa fejn madankollu d-drittijiet ta' min jagħmel l-ilment jiġu mħarsa b'mod sodisfaċenti, b'mod partikolari mill-qrati nazzjonali" [9] (punt 44 tas-sentenza appellata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li matul il-fażi bil-miktub tal-proċediment l-appellanta kienet ikkontestat biss l-ewwel wieħed mit-tliet motivi li fuqhom il-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fid-deċiżjoni kkontestata sabiex teskludi l-eżistenza f'dan il-każ ta' interess Komunitarju suffiċjenti, jiġifieri l-motiv relatat li jgħid li l-prattiki allegati ma setgħux jostakolaw il-funzjonament tas-suq komuni. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li setgħet tillimita l-analiżi tagħha "għall-argumenti li bihom [l-appellanta] [kienet] ikkontestat in-nuqqas ta' dannu lejn il-kummerċ bejn Stati Membri billi sostniet li l-impożizzjoni eċċessiva ta' kontribuzzjonijiet [kienet] tikkostitwixxi prattika li tista' tippreġudika s-suq komuni skont l-Artikolu 81 KE u 82 KE, anki jekk hija limitata għat-territorju Grieg" (punti 45-47 tas-sentenza appellata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

9 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenzi tagħha Automec vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punti 89 u 90); Tremblay *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punti 65 u 74), u tal-24 ta' Jannar 1995, BEMIM vs Il-Kummissjoni (T-114/92, Ġabra p. II-147, punt 86).

10. "F'dan ir-rigward", kompliet il-Qorti tal-Prim'Istanza, "il-Kummissjoni kkunsidrat [...] li l-partijiet kollha involuti fil-kwistjoni kellhom is-sede tagħhom u kienu jeżerċitaw l-attività kummerċjali tagħhom fil-Greċja, [...], li ma kienx probabbli li l-attività kummerċjali tat-tliet korpi ta' tmexxija [tad-drittijiet relatati] seta' jiġi estiż lejn pajjiżi oħra [...], li l-utenti tal-mużika kienu ta' ċittadinanza Griega u li l-korpi [inkwistjoni] kellhom kompetenza biss fit-territorju Grieg"" (punt 48 tas-sentenza appellata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

11. Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-elementi ta' fatt u ta' dritt adottati mill-appellanta ma kienux tali li "juru li l-prattiċi allegati jinfluwenzaw il-kurrenti kummerċjali bejn l-Istati Membri b'mod li jippreġudikaw il-kisba tal-għanijiet ta' suq uniku" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-fatt, l-appellanta llimitat ruħha sabiex "tfakkar id-diffikultajiet finanzjarji sostenuti mill-kumpanniji ta' tmexxija tad-drittijiet tal-awtur u mill-utenti ta' mużika fil-Greċja u fl-Istati Membri kollha" [traduzzjoni mhux uffiċjali], mingħajr ma rnexxielha tipprova l-affermazzjonijiet tagħha stess kif ukoll mingħajr ma tippreżenta elementi f'dan is-sens (punt 49 tas-sentenza appellata).

12. Fil-punt 50 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fir-rigward tal-"argument tar-rikorrenti li ostakoli kunsiderevoli għall-mod ta' kif jiffunzjona s-suq komuni huma dovuti għall-fatt li d-drittijiet tal-awturi Griegi u barranin jaqgħu għal fuq kumpannijii stabbiliti fl-Unjoni Ewropea", li "l-kompetenza tat-tliet korpi

ta' tmexxija [tad-drittijiet relatati] hija limitata għat-territorju Grieg u li, b'hekk, huma essenzjalment l-utenti ta' mużika fit-territorju Grieg u l-awturi Griegi li jiġu ppreġudikati minħabba l-prattiki allegati" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

13. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet ir-raġunament tagħha bil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"54. Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda element konkret li juri l-eżistenza attwali jew potenzjali ta' disfunzjonijiet kunsiderevoli fis-suq komuni.

55. B'hekk, ir-rikorrenti ma tipprovax li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-prattiki allegati tar-rikorrenti jipproduċew l-effetti tagħhom l-iktar, jew saħansitra fis-suq Grieg biss u li għaldaqstant ma kinux tali li jippreġudikaw il-kummerċ bejn Stati Membri skont l-Artikoli 81 KE u 82 KE" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

14. Il-motiv ta' annullament relatat ma' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-interess Komunitarju ġie għaldaqstant miċħud mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

15. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet ukoll il-motiv dwar l-annullament relatat mal-allegat ksur tal-obbligu tal-motivazzjoni, billi qieset li l-Kummissjoni kienet kjarament spjegat fid-deċiżjoni kkontestata r-raġunijiet speċifiċi li kienu ddeterminaw l-evalwazzjoni tagħha stess u li kienu wasslu għaċ-ċaħda tal-ilment tagħha (punt 63 tas-sentenza appellata).

16. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2007, l-AEPI talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet ifformulati minnha fil-Qorti tal-Prim'Istanza jew tirrinvija l-kawża mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

17. Il-Kummissjoni talbet li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanta tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

18. Ir-rappreżentanti tal-partijiet instemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2008.

**Analiżi ġuridika**

*Fuq l-appell*

19. L-appellanta tressaq ħames aggravji għall-appell. Permezz tal-ewwel aggravju, hija tilmenta nuqqas ta' motivazzjoni rigward il-kwistjoni tal-osservanza min-naħa tal-Kummissjoni tal-limiti imposti fuq l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha f'dan ir-rigward. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji essenzjalment kollha jitolbu li jiġi kkonstatat li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żbalji ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' dannu kkonstatat fuq il-kummerċ intra-Komunitarju. Permezz tal-ħames aggravju qed jiġi lmentat li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-Artikoli 81 KE u 82 KE minħabba li ma qisitx bħala neċessarju, għall-finijiet tal-applikabbiltà ta' dawn l-artikoli, dannu attwali fuq il-kummerċ intra-Komunitarju.

Fuq l-ammissibbiltà

20. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni, qabel ma bdiet teżamina l-aggravji waħda waħda, sostniet li l-appell huwa inammissibbli peress li ma jinkludix argumenti li jidentifikaw żball ta' liġi li jinsab fis-sentenza appellata, iżda jillimita ruħu sabiex isemmi mill-ġdid il-motivi u l-argumenti prinċipali mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

21. Inqis li din l-eċċezzjoni hija infondata. Minkejja li fid-dawl ta' preżentazzjoni pjuttost mhux ċara u ta' spiss ripetittiva tal-argumenti tagħha, l-appellanta, fil-fehma tiegħi, kif jirriżulta iktar 'il quddiem mill-espożizzjoni tal-aggravji, individwat sitwazzjonijiet speċifiċi fis-sentenza li kontrihom ifformulat il-kritika tagħha, fejn esponiet ir-raġunijiet ta' din il-kritika. L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-appell għandha għaldaqstant tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

— Fuq l-ewwel aggravju

22. Permezz tal-ewwel aggravju, qed jiġi lmentat li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tindika jekk fil-każ inkwistjoni l-Kummissjoni osservatx jew qabżitx il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Is-sentenza appellata hija għaldaqstant ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni totali.

23. Kif osservat mill-Kummissjoni, dan l-aggravju huwa kjarament infondat.

24. Qabel kollox il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li, minn naħa, l-evalwazzjoni tal-

interess Komunitarju irrappreżentat minn ilment tvarja meta mqabbla maċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' dritt ta' kull każ inkwistjoni, li jistgħu jvarjaw kunsiderevolment minn każ għal ieħor, u li ma ssirx skont kriterji predeterminati li għandhom jiġu applikati b'mod obbligatorju u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni, li skont l-Artikolu 85(1) KE għandha l-kompetenza li tħares l-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, hija responsabbli mid-direzzjoni li għandha tieħu u mill-implementazzjoni tal-politika Komunitarja dwar il-kompetizzjoni u f'dan ir-rigward għandha setgħa diskrezzjonali meta tiġi biex tipproċessa l-ilmenti [10]. Sussegwentement hija osservat li l-Kummissjoni, meta, fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, tiffissa prijoritajiet partikolari fl-eżami tal-ilmenti li jitressqu quddiemha, tista' b'mod leġittimu tirreferi għall-interess Komunitarju ta' prattika partikolari bħala kriterju ta' prijorità [11]. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkonformaw perfettament ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja osservat fis-sentenza Ufex *et* vs Il-Kummissjoni [12].

25. Imbagħad il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li, sabiex tevalwa l-interess Komunitarju biex tkompli bl-eżami ta' prattika partikolari, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tqis l-effett tal-ksur allegat fuq il-funzjonament tas-suq komuni, il-probabbiltà li tkun tista tikkonstata l-eżistenza tal-ksur u l-portata tal-miżuri ta' investigazzjoni neċessarji [13]. Hija kkonstatat li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq tliet motivi sabiex f'dan is-sens tikkonkludi dwar nuqqas ta' interess Komunitarju li l-eżami tal-ilment min-naħa tagħha jitkompla u li wieħed biss minn dawn il-motivi, dak relatat mal-fatt li l-aġir li dwaru sar l-ilment ma kienx tali li joħloq ostakoli kbar fuq kif jaħdem is-suq Komuni, kien ġie kkontestat mill-appellanta [14].

26. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza iffukat ruħha fuq l-eżami ta' dawn il-kontestazzjonijiet u qieset li kienu infondati, b'evalwazzjonijiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' kontestazzjoni speċifika fl-erbgħa aggravji li ġejjin.

27. B'hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat b'mod ċar li l-appellanta ma ppreżentatx elementi li juru li fil-każ inkwistjoni l-Kummissjoni kienet qabżet il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha.

28. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

10 — Sentenza appellata, punt 38.

11 — Sentenza appellata, punt 39.

12 — Sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, (C-119/97 P, Ġabra p. I-1341, b'mod partikolari l-punti 79 sa 81, 88, 89 u 92).

13 — Sentenza appellata, punt 40.

14 — Sentenza appellata, punti 45 u 46.

— Fuq l-aggravji l-oħra

29. Permezz tat-tieni u tat-tielet aggravju qed jiġu lmentati żbalji fl-evalwazzjoni jew nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-punt 44 tas-sentenza appellata, li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset b'mod żbaljat li, meta l-effetti ta' ksur jinħassu biss fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiċħad l-ilment minħabba nuqqas ta' interess Komunitarju suffiċjenti, minħabba nuqqas ta' dannu fuq il-kummerċ bejn l-Istati. Il-Qorti tal-Prim'Istanza barra minn hekk ibbażat din il-konstatazzjoni fuq ġurisprudenza li, bil-kontra ta' dak li sostniet, ma tirrigwardax is-suġġett tad-drittijiet tal-awtur, billi naqset minnflok milli tikkunsidra numru ta' sentenzi tal-qorti Komunitarja, ħafna minnhom mogħtija proprju fir-rigward ta' dan il-qasam, li minnhom jista' jiġi dedott li jista' jkun hemm ksur tar-regoli, fosthom l-Artikoli 81 KE u 82 KE anki jekk l-aġir ikkontestat allegatament seħħ esklużivament fit-territorju ta' Stat Membru [15]. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellanta ssostni barra minn hekk li r-referenza li ssir bosta drabi fid-deċiżjoni kkontestata u fis-sentenza appellata għas-sentenza Automec vs Il-Kummissjoni mhijiex rilevanti u mhux adegwata, inkwantu din is-sentenza tirrigwarda, bil-kontra tal-każ inkwistjoni, "mhux ksur effettiv, iżda ksur ipotetiku", peress li ċ-ċirkulari li hi s-suġġett tal-ilment, mibgħuta minn BMW Italia lill-konċessjonarji tagħha u eżaminata f'dik is-sentenza, qatt ma ġiet applikata.

15 — L-appellanta ssemmi s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Hugin vs Il-Kummissjoni, Lucazeau *et*, u Tournier, kif ukoll is-sentenzi tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, Ġabra p. I-1979); tal-10 ta' Diċembru 1991, Merci convenzionali porto di Genova (C-179/90, Ġabra p. I-5889); tas-17 ta' Mejju 1994, Corsica Ferries (C-18/93, Ġabra p. I-1783); tas-6 ta' April 1995, RTE u ITP vs Il-Kummissjoni (C-241/91 P u C-242/91 P, Ġabra p. I-743); Tremblay *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u tas-7 ta' Ottubru 1999, Irish Sugar vs Il-Kummissjoni (T-228/97, Ġabra p. II-2969).

30. Permezz tar-raba' aggravju qed jiġu kkontestati żbalji ta' evalwazzjoni jew nuqqas ta' motivazzjoni rigward il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 49 u 50 tas-sentenza appellata, li jipprovdu, minn naħa, li r-rikorrenti ma ressqitx elementi li jagħtu prova li l-prattiki li dwarhom sar l-ilment kellhom influwenza fuq il-kummerċ bejn Stati Membri b'mod li jippreġudikaw it-twettiq tal-għanijiet ta' suq uniku u, minn aspetti oħra, id-danni allegatament ikkawżati minn dawn il-prattiki essenzjalment laqtu lill-utenti tal-mużika fit-territorju Grieg u lill-awturi Griegi. Ir-rikorrenti tressaq numru ta' elementi li juru li, bil-kontra ta' dak li qieset il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-prattiki allegati mhux biss huma tali li jistgħu jikkawżaw dannu fuq il-kummerċ intra-Komunitarju fil-futur qrib, iżda wkoll li l-kummerċ intra-Komunitarju diġà ntlaqat minn dan id-dannu.

31. Permezz tal-ħames aggravju, fl-aħħar nett, qed jiġi lmentat li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat l-Artikoli 81 KE u 82 KE billi qieset li dawn jirrikjedu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tagħhom, dannu attwali fuq il-kummerċ intra-Komunitarju, fejn għaldaqstant eskludiet ir-rilevanza, għall-istess għanijiet, ta' dannu potenzjali biss. Qed tiġi kkontestata, barra minn hekk, il-konklużjoni fil-punt 54 tas-sentenza appellata, li tgħid li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda element konkret li juri l-eżistenza attwali jew potenzjali, b'effett tal-prattiki li dwarhom sar l-ilment, ta' ostakoli importanti fuq kif jaħdem is-suq komuni. Ma' dan l-appellanta żżid numru ta' argumenti intiżi sabiex juru li dawn il-prattiki huma tali li jippreġudikaw il-kummerċ bejn Stati Membri.

32. Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza ta' dawn l-aggravji kollha, billi tqis li s-sentenza appellata ma għandhiex nuqqasijiet ta' motivazzjoni u żbalji ta' evalwazzjoni.

33. Min-naħa tiegħi, nosserva li d-dibattitu proċesswali kien ikkaratterizzat minn konfużjoni ċara bejn żewġ kunċetti li għandhom jinżammu separati, konfużjoni li fiha daħlet kemm l-appellanta kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni. Jirrigwarda, minn naħa, dannu fuq il-kummerċ bejn Stati Membri bħala kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikoli 81 KE u 82 KE u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' ostakoli importanti fuq kif jaħdem is-suq komuni bħala kriterju ta' evalwazzjoni tal-konstatazzjoni ta' interess Komunitarju suffiċjenti fuq ilment min-naħa tal-Kummissjoni.

34. Kif inhu magħruf, fuq kundizzjoni espliċita min-naħa tagħhom, l-Artikoli 81 KE u 82 KE huma applikabbli għall-akkordji restrittivi fuq il-kompetizzjoni u għall-abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti li jistgħu joħolqu dannu għall-kummerċ bejn Stati Membri. Skont il-ġurisprudenza, din il-kundizzjoni hija intiża sabiex tiddefinixxi meta għandhom japplikaw ir-regoli Komunitarji għall-ħarsien tal-kompetizzjoni bejn impriżi b'kuntrast mad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni. Huwa proprju sa fejn, fil-fatt, akkordju restrittiv fuq il-kompetizzjoni jew abbuż ta' pożizzjoni dominanti jistgħu jikkawżaw dannu lill-kummerċ bejn Stati Membri li l-bidla fil-kompetizzjoni kkawżata minn aġir bħal dan taqa' taħt il-projbizzjonijiet tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, filwaqt li f'każ kuntrarju hija ma taqax [16].

35. F'dan ir-rigward, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li ftehim bejn impriżi jew abbuż minn pożizzjoni dominanti, sabiex jippreġudika l-kummerċ bejn Stati Membri, għandu jippermetti li jiġi previst b'livell għoli ta' probabbiltà, abbażi ta' numru ta' elementi oġġettivi ta' fatt u ta' dritt, li dan huwa tali li jeffettwa direttament jew indirettament, effettivament jew potenzjalment, il-kummerċ bejn Stati Membri, b'mod li jikkawża dannu għat-twettiq ta' għanijiet ta' suq uniku bejn Stati [17].

36. Dan l-effett fuq il-kummerċ għandu, skont il-ġurisprudenza, ikun "sinjifikattiv"; "ftehim ma jaqax taħt il-projbizzjoni tal-[Artikolu 81 KE] meta, fid-dawl tal-pożizzjoni dgħajfa tal-parteċipanti fis-suq tal-prodotti inkwistjoni, dan jikkawża dannu lis-suq b'mod irrilevanti" [18].

16 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda 56/64 u 58/64, Ġabra p. 457, b'mod partikolari p. 519), u tas-6 ta' Marzu 1974, ICI u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni (6/73 u 7/73, Ġabra p. 223, punt 31).

17 — Ara s-sentenzi Remia *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punt 22), u tal-21 ta' Jannar 1999, Bagnasco *et* (C-215/96 u C-216/96, Ġabra p. I-135, punt 47).

18 — Sentenza tad-9 ta' Lulju 1969, Völk (5/69, Ġabra p. 295, punt 7). Ara wkoll is-sentenzi tal-25 ta' Novembru 1971, Béguelin (22/71, Ġabra p. 949, punt 16), u tat-28 ta' April 1998, Javico (C-306/96, Ġabra p. I-1983, punt 16).

37. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ċaħditx l-ilment tal-appellanta peress li qieset li l-prattiki kkonċernati ma setgħux jikkawżaw dannu sinjifikattiv fuq il-kummerċ bejn Stati Membri. Il-Kummissjoni ma tagħtx eżattament deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk dawn il-prattiki kinux kontra l-Artikoli 81 KE u 82 KE. Hija ċaħdet l-ilment inkwantu, peress li eżerċitat is-setgħa rrikonoxxuta lilha mill-ġurisprudenza li tassenja grad differenti ta' prijorità lill-ilmenti li tirċievi [19], qieset li ma kienx hemm biżżejjed interess Komunitarju biex twettaq eżami ta' dik il-kwistjoni, peress li, b'mod partikolari, dawn il-prattiki ma kienux jidhru tali li "jikkawżaw ostakoli sinjifikattivi fis-suq komuni". B'dan, il-Kummissjoni ma kellhiex evidentement l-intenzjoni li ssostni li d-dannu li bħala ipoteżi seta' jseħħ fuq il-kummerċ intra-Komunitarju minħabba dawk il-prattiċi ma kienx jaqbeż il-livell minimu ta' rilevanza għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 81 KE jew tal-Artikolu 82 KE. Hija kellha biss l-intenzjoni li tenfasizza "l-importanza daqstant limitata ta' ksur eventwali għal kif jaħdem is-suq komuni", għaldaqstant li tenfasizza li, f'kull każ, ma kienx jikkonċerna prattiki tali li jkollhom riperkussjonijiet kunsiderevoli fuq kif jaħdem dan tal-aħħar.

38. Minbarra dan, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta tistabbilixxi lista ta' prijorità fit-trattament tal-ilmenti li jitressqu quddiemha, il-Kummissjoni tista' leġittimament tirreferi għall-interess Komunitarju [20] u, f'dan il-kuntest, għandha "l-obbligu li tevalwa f'kull każ inkwistjoni *il-gravità tal-allegat ksur tal-kompetizzjoni* u tal-persistenza tal-effetti tiegħu", liema obbligu "jimplika b'mod partikolari li hija tieħu inkunsiderazzjoni t-tul u *l-kunsiderevolezza tal-ksur allegat* kif ukoll *tal-effett tiegħu fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fil-Komunità*" [21].

39. Meta l-Kummissjoni osservat, fil-parti tad-deċiżjoni kkontestata ċċitata fil-punt 4 'il fuq, li l-partijiet kollha involuti għandhom is-sede tagħhom fil-Greċja u li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom hemmhekk biss, li l-effetti tal-prattiċi allegati jseħħu biss fis-suq Grieg, li l-kuntratti għall-użu tal-mużika jiġu konklużi biss ma' xandara tar-radju u tat-televiżjoni u utenti oħra li jinsabu fil-Greċja u li t-tliet korpi ta' tmexxija tad-drittijiet relatati għandhom kompetenza biss fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet relatati fil-Greċja u li ma għandhomx il-possibbiltà prattika li jeżerċitaw din il-kompetenza barra minn dan il-pajjiż, hija ma kellhiex l-intenzjoni li ċċaħħad l-eżistenza ta' preġudizzju attwali fuq il-kummerċ intra-Komunitarju, iżda biss li teskludi li t-tali preġudizzju, anki li kieku jkun jista' jiġi kkonstatat u li ma jiġix ittraskurat, ikollu *effett kunsiderevoli* fuq dan il-kummerċ.

19 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Ufex *et* vs Il-Kummissjoni (punt 88) u Automec vs Il-Kummissjoni (punt 83).

20 — Ara, impliċitament, is-sentenzi Ufex *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punti 52, 79, 95 u 96); tas-17 ta' Mejju 2001 IECC vs Il-Kummissjoni (C-449/98 P, Ġabra p. I-3875, punt 46), u IECC vs Il-Kummissjoni (C-450/98 P, Ġabra p. I-3947, punti 54 u 58); digriet tat-13 ta' Diċembru 2000, SGA vs Il-Kummissjoni (C-39/00 P, Ġabra p. I-11201, punt 67).

21 — Sentenza Ufex *et* vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq, punti 92-93). Il-korsiv huwa tiegħi.

40. Madankollu, huwa ċar li fis-sentenza appellata il-Qorti tal-Prim'Istanza stess għamlet konfużjoni bejn l-eżistenza ta' dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju, u għaldaqstant fuq l-eżistenza ta' ksur tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, u dik tan-natura suffiċjentement serja li tiġġustifika investigazzjoni ta' dan il-ksur eventwali mill-Kummissjoni.

41. Fil-punti 42 u 43 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tibda billi tfakkar uħud mill-prinċipji derivanti mill-ġurisprudenza dwar il-dannu fuq il-kummerċ intra-Komunitarju bħala kundizzjoni ta' applikabbiltà tal-Artikoli 81 KE u 82 KE u l-kriterju ta' tqassim tal-kompetenzi bejn id-dritt Komunitarju u d-dritt nazzjonali.

42. Fis-sussegwenti punt 44, li jibda' b'mod inkoerenti bil-kliem "B'mod iktar partikolari, fis-settur tad-drittijiet tal-awtur", il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar ġurisprudenza tagħha stess li madankollu ma tirrigwardax il-kwistjoni, diskussa fil-punti preċedenti, tad-dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju, iżda tirrigwarda l-eżistenza ta' interess Komunitarju suffiċjenti għall-iżvolġiment tal-eżami ta' lment fil-konfront ta' prattika li l-effetti tagħha jinħassu essenzjalment fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss.

43. Fil-punt 47 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża li ser tillimita l-analiżi tagħha għall-argumenti tal-appellanta li bihom hija kkontestat in-nuqqas ta' dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju u sostniet li "l-impożizzjoni ta' imposti eċċessivi għad-drittijiet relatati tikkostitwixxi prattika [li] tista' tippreġudika s-suq komuni skont l-Artikoli 81 KE u 82 KE, anki jekk hija limitata għat-territorju Grieg".

44. Is-sussegwenti punt 48, li jibda' bil-kliem "f'dan ir-rigward", ifakkar iċ-ċirkustanzi fattwali li l-Kummissjoni użat fid-deċiżjoni kkontestata mhux biex tiċħad il-possibbiltà ta' dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju, iżda biex tikkonkludi fir-rigward ta' *ostakoli sinjiikattivi fuq kif jaħdem* is-suq komuni meta evalwat l-eżistenza ta' interess Komunitarju fl-eżami tal-ilment min-naħa tagħha.

45. L-alternanza kontinwa tal-Qorti tal-Prim'Istanza bejn riferiment għad-dannu għall-kummerċ intra-Komunitarju (jew suq komuni) u riferiment għal ostakoli importanti fuq kif jaħdem is-suq komuni tintwera ulterjorment fil-punti sussegwenti tas-sentenza appellata, li xi drabi jirreferu għall-ewwel aspett (punti 49 u 51), u xi drabi jirreferu għat-tieni aspett (punt 50), mingħajr sekwenza loġika adegwata, sa ma jaslu għall-inkoerenza manifesta taż-żewġ punti li jikkonkludu r-raġunament, li fihom il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonstata qabel kollox li "r-rikorrenti ma ressqet l-ebda element konkret li juri l-eżistenza attwali jew potenzjali ta' ostakoli kunsiderevoli fis-suq komuni" (punt 54) biex imbagħad tikkonkludi li, *"[b]'konsegwenza*, ir-rikorrenti ma turix li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta wieħed iqis li l-prattiki allegati mir-rikorrenti kienu jipproduċu l-effetti tagħhom fil-parti

l-kbira jekk mhux saħansitra kompletament fis-suq Grieg u li għaldaqstant ma kinux tali li jippreġudikaw il-kummerċ bejn Stati Membri skont l-Artikoli 81 KE u 82 KE” [22] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

46. Lanqas ma jista' jiġi meqjus li, lil hinn mill-imperfezzjoni relatata mal-kitba tas-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza xtaqet, essenzjalment, issostni, b'kuntrast mal-ordni loġika mogħtija fil-punti 54 u 55 tas-sentenza appellata, li, peress li fil-każ inkwistjoni ma kien hemm l-ebda dannu għas-suq intra-Komunitarju, l-ostakoli sinjifikattivi tas-suq komuni kienu neqsin *a fortiori*.

47. Tali interpretazzjoni tas-sentenza mhux biss tikkuntrasta mal-portata tagħha nnifisha, iżda tikkontradiċi ma' dawk li huma l-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' legalità li l-qorti Komunitarja hija mitluba twettaq skont l-Artikolu 230 KE. F'dan il-kuntest, fil-fatt, din il-Qorti hija mitluba b'mod partikolari li tivverifika n-natura suffiċjenti u l-korrettezza tal-motivi sostnuti mill-awtur tal-att appellat u li tannulla dan l-att fl-ipoteżi fejn din il-verifika, minħabba waħda miż-żewġ aspetti, tagħti riżultat negattiv. Min-naħa l-oħra hija mhijiex kompetenti, f'din l-istess ipoteżi, li tipproponi motivazzjoni ġdida u differenti għad-dispożittiv tal-att appellat, li tiġġustifika xorta waħda ż-żamma fis-seħħ tiegħu. Li kieku kellha tagħmel dan, il-qorti Komunitarja tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik tal-istituzzjoni kompetenti sabiex taddotta dak l-att, fejn tkun qed tindaħal fl-amministrazzjoni attiva u tkun qed tiżbilanċja l-ekwilibriju istituzzjonali mitlub mit-Trattat KE.

48. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat, b'referenza għal kwistjoni li kienet diġà ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha kien ġie miċħud ilment ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat KE, li, “[p]eress li l-istħarriġ tal-legalità stabbilit fl-Artikolu 173 tat-Trattat [KE] [li sar, wara emenda, l-Artikolu 230 KE] ma jagħtix lill-Qorti tal-Prim'Istanza, f'kawża bħal dik in[kwistjoni], kompetenza fuq il-mertu, bil-kontra ta' dik li jeżerċitaw il-Qrati Komunitarji abbażi tal-Artikolu 172 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 229 KE) fir-rigward, per eżempju, tad-deċiżjonijiet li jimponu sanzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-[każ inkwistjoni] ma setgħetx tissostitwixxi d-deċiżjoni kkontestata b'deċiżjoni oħra jew temenda l-istess deċiżjoni” [23] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fl-istess deċiżjoni il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, “fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjoni [tal-Kummissjoni] li ma tiddikjarax l-eżistenza ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti, mhijiex il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tikkonstata l-eżistenza ta' tali abbuż” [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Inżid ma' dan li l-Qorti tal-Prim'Istanza lanqas ma hija awtorizzata teskludi l-eżistenza ta' ksur meta l-Kummissjoni nnifisha tkun naqset milli tagħmel dan fid-deċiżjoni li tagħha jintalab l-annullament.

49. Peress li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma xtaqitx teskludi l-eżistenza

22 — Il-korsiv huwa tiegħi.

23 — Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Mejju 2000, Deutsche Post vs IECC u l-Kummissjoni (C-428/98 P, Ġabra p. I-3061, punt 28).

ta' ksur tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, ma setgħetx tagħmel dan il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità ta' dik id-deċiżjoni.

50. Għandu jiġi enfasizzat, barra minn hekk, li filwaqt li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kienet osservat li l-AEPI kellha "l-possibbiltà li tressaq l-ilmenti tagħha quddiem l-awtoritajiet nazzjonali", b'mod partikolari quddiem l-awtorità Griega tal-kompetizzjoni, u li din "hija kompetenti sabiex tapplika l-Artikoli [81 KE u 82 KE]" daqs il-Kummissjoni nnifisha, il-konstatazzjoni, min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza tan-nuqqas fil-każ inkwistjoni ta' dannu għall-kummerċ intra-komunitarju jorbot lil dawn l-awtoritajiet, li ma jkunux jistgħu għaldaqstant jintervjenu iżjed sabiex japplikaw l-Artikoli 81 KE u 82 KE, iżda, eventwalment, id-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni biss.

51. Inqis li l-konfużjoni li tikkaratterizza r-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza hija tali li turi, l-ewwel nett u indipendentement minn żbalji eventwali ta' dritt f'partijiet partikolari tas-sentenza appellata, motivazzjoni kuntradittorja evidenti.

52. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza hijiex kuntradittorja tirrappreżenta kwistjoni ta' dritt li, bħala tali, titqajjem fl-appell [24].

53. Minkejja li l-appellanta, filwaqt li fl-ewwel erba' aggravji osservat difetti ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata, ma rreferietx għan-natura kuntradittorja tal-motivazzjoni li għadni kif ikkunsidrajt, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fl-opinjoni tiegħi, tikkonstata dan in-nuqqas *ex officio*, li jipprekludilha stħarriġ adegwat tal-leġittimità ta' din is-sentenza, apparti l-interferenza negattiva fuq l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanta li tagħmel eċċessivament diffiċli għaliha li tifhem ir-raġunament wara s-sentenza u għaldaqstant l-eżami tal-fondatezza tagħha [25].

54. Għaldaqstant is-sentenza appellata għandha, fl-opinjoni tiegħi, tiġi annullata, minħabba motivazzjoni kuntradittorja, fil-parti fejn tiċħad l-aggravju ta' annullament imressaq mill-appellanta dwar żball manifest ta' evalwazzjoni tal-interess Komunitarju.

24 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1998, Somaco vs Il-Kummissjoni (C-401/96 P, Ġabra p. I-2587, punt 53); tat-13 ta' Diċembru 2001, Cubero Vermurie vs Il-Kummissjoni (C-446/00 P, Ġabra p. I-10315, punt 20), u tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, Ġabra p. I-1331, punt 45).

25 — Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1959, Nold vs Alta Autorità (18/57, Ġabra p. 85, b'mod partikolari p. 109); tal-1 ta' Lulju 1986, Usinor vs Il-Kummissjoni (185/85, Ġabra p. 2079, punti 20 u 21), u tal-20 ta' Frar 1997, Il-Kummissjoni vs Daffix (C-166/95 P, Ġabra p. I-983, punti 23 u 24).

*Fuq l-appell mid-deċiżjoni kkontestata*

55. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-appell ikun fondat sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha.

56. Fil-każ inkwistjoni, huwa permess, fl-opinjoni tiegħi, li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni definittiva fuq il-kwistjoni.

57. Permezz tal-aggravju ta' annullament minħabba żball manifest fl-evalwazzjoni tal-interess Komunitarju, imsemmi fil-punti 1 sa 3 tad-deċiżjoni fil-prim'istanza, l-appellanta kienet sostniet li l-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li "l-allegat ksur kien insinjifikattiv" sempliċement għaliex kien seħħ fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss. F'dan ir-rigward hija invokat xi sentenzi ta' qorti Komunitarja, uħud minnhom mogħtija proprju fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, li minnhom jirriżulta li jista' jkun hemm ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat KE anki jekk il-ksur jitwettaq fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss [26]; fakkret li l-Artikoli 81 KE u 82 KE jeħtieġu, sabiex ikun hemm ksur, li l-aġir inkwistjoni "jkun ta' dannu għall-kummerċ bejn Stati Membri" u mhux li kien effettivament diġà kkawża dannu fuq it-tali kummerċ, u indikat xi elementi li jistgħu, fl-opinjoni tagħha, jipprovaw li l-prattiki allegati kienu jikkostitwixxu ksur serju ta' dawn l-artikoli.

58. Dawn l-elementi kienu rrappreżentati, minn naħa, mill-importanza ekonomika tal-attività kummerċjali tal-appellanta — , li d-dħul tagħha mid-drittijiet tal-awtur fis-sena li fiha ressqet l-ilment (2001) kienu qabżu EUR 30 miljun — kif ukoll mill-fatt li, minħabba l-użu intensiv ta' mużika barranija fil-Greċja, parti kunsiderevoli minn dan id-dħul tingħata lil korpi simili, stabbiliti prinċipalment fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, li jirrappreżentaw l-interessi tal-awturi stabbiliti fl-Istati Uniti; u min-naħa l-oħra, mil-livell kunsiderevolment għoli tal-flus miġbura mit-tliet korpi ta' tmexxija tad-drittijiet relatati.

59. Minkejja li ħafna mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-prim'istanza mhumiex neqsin minn ambigwità u konfużjoni bħal dawk li jikkaratterizzaw is-sentenza appellata, inqis madankollu li tirriżulta b'mod ċar biżżejjed mir-rikors fil-prim'istanza l-idea li l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li l-prattiki allegati setgħu joħolqu riperkussjonijiet serji fuq il-funzjonament tas-suq komuni billi tosserva li dawn kienu limitati għat-territorju Grieg. Billi kkontestat, fir-rikors fil-prim'istanza, li l-"ksur allegat [kien] insijifikattiv" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ir-rikorrenti

26 — Dan jikkonċerna s-sentenzi Tournier; Lucazeau *et*; Merci convenzionali porto di Genova; Corsica Ferries; RTE u ITP vs Il-Kummissjoni u Irish Sugar vs Il-Kummissjoni, li għalihom isir riferiment ukoll fl-att tal-appell, kif ukoll fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 1983, GVL vs Il-Kummissjoni (7/82, Ġabra p. 483).

bilfors li ma kinitx qed tirreferi għall-problema tal-*eżistenza* ta' ksur, jiġifieri prattika restrittiva li tista' tippreġudika b'mod sinjifikattiv (fis-sens li mhux traskurabbli) il-kummerċ intra-Komunitarju, iżda kienet qed tirreferi għall-problema tal-*livell tal-gravità* tal-ksur allegat. Dan huwa kkonfermat mir-referenzi għall-gravità ta' dan il-ksur li jinsabu fir-raba' u fis-sitt paragrafu tal-punt 1 tal-att inkwistjoni.

60. L-eżami tal-aggravju ta' annullament inkwistjoni intiż jiġi għaldaqstant solvut permezz tal-verifika, fid-dawl tal-kritika magħmula mill-appellanta, dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx validament teskludi f'dan il-każ l-eżistenza ta' ostakoli fis-suq komuni abbażi tal-kunsiderazzjonijiet esposti f'dan ir-rigward fid-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 39 iktar 'il fuq).

61. Qabel ma ssir din il-konstatazzjoni, jeħtieġ madankollu li tiġi eżaminata r-rilevanza tagħha sabiex tintlaqa' t-talba għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata magħmula mill-appellanta. Fil-fatt, bħal ma kkonstatat il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 45 tad-deċiżjoni kkontestata, f'dik id-deċiżjoni l-Kummissjoni eskludiet l-eżistenza f'dan il-każ ta' interess Komunitarju suffiċjenti abbażi ta' tliet elementi separati: in-nuqqas ta' ostakoli sinjifikattivi fis-suq komuni, il-kumplessità tal-istħarriġ għall-konstatazzjoni tal-ksur allegat u l-possibbiltà għall-partijiet ikkonċernati li jiksbu protezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali. Għandu jingħad, hekk kif ikkonstatat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 46 tas-sentenza appellata, li l-appellanta, permezz ta' dan l-aggravju għal annullament, tikkontesta biss l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn l-elementi.

62. Jidher ċar għalija, madankollu, li dan l-aggravju ma għandux minħabba f'hekk jitqies bħala mingħajr effett.

63. Ma jistax fil-fatt jitqies li fl-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata kull wieħed minn dawn it-tliet elementi kien fih innifsu suffiċjenti biex tiġi ġustifikata ċ-ċaħda tal-ilment tar-rikorrenti.

64. Wara li esponiet dawn it-tliet elementi b'mod separat, il-Kummissjoni waslet sabiex "tikkonkludi li l-portata u l-kumplessità tal-miżuri ta' investigazzjoni meħtieġa biex jiġi kkonstatat jekk l-imġieba tat-tliet korpi ta' tmexxija [...] tad-drittijiet relatati kinitx konformi jew le mar-regoli tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni huma sproporzjonati meta mqabbla mal-importanza tassew limitata ta' ksur eventwali għall-funzjonament tas-suq komuni".

65. Jirriżulta minn dan li l-Kummissjoni eskludiet l-eżistenza fil-każ inkwistjoni ta' interess Komunitarju suffiċjenti abbażi ta' kunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi kollha, b'mod partikolari billi għamlet bilanċ bejn l-ewwel żewġ elementi.

66. Żball manifest ta' evalwazzjoni eventwali li kellu jinvalida l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-ewwel wieħed minn dawn l-elementi għaldaqstant iħalli l-effett tiegħu fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

67. Għaldaqstant fir-rigward tal-eżami tal-fondatezza tal-aggravju ta' annullament inkwistjoni, jidhirli li hija deċiżiva ċ-ċirkustanza, imfakkra mill-appellanta, li, abbażi ta' ftehim ta' rappreżentanta reċiproka stipulati ma' korpi tal-istess tip fi Stati Membri oħra, hija tiġbor fil-Greċja wkoll id-drittijiet tal-awtur konnessi mal-użu tal-mużika ta' awturi stabbiliti f'dawn l-Istati u tittrasferixxihom lil dawn il-korpi. Din iċ-ċirkustanza, li diġà ssemmiet mill-appellanta fl-ilment tagħha, ma ġietx ikkontestata mill-Kummissjoni (jekk mhux b'mod limitat u tardivament fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja) u tidher li tista' tagħti prova li mhux biss l-interessi tal-awturi Griegi, iżda wkoll dawk tal-awturi stabbiliti fi Stati Membri oħra (u tal-korpi li jirrappreżentawhom) jistgħu jiġu ppreġudikati mit-tnaqqis ta' ġbir ta' dħul derivanti mid-drittijiet tal-awtur fil-Greċja li dwaru lmentat l-appellanta u li tattribwixxi lejn il-prattiki allegati.

68. L-appellanta żiedet ma' dawn elementi, li diġà ġew ippreżentati lill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li fil-fehma tiegħi jikkonfutaw iż-żewġ konstatazzjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni essenzjalment ibbażat ruħha sabiex teskludi l-eżistenza fil-każ inkwistjoni ta' ostakoli importanti fis-suq komuni: jiġifieri dawk li jgħidu li "l-partijiet kollha involuti għandhom is-sede tagħhom fil-Greċja u jeżerċitaw hemmhekk biss l-attività kummerċjali tagħhom" u li skont dawn "l-effetti tal-prattiċi allegati jipproduċu rwieħhom biss fil-kuntest tas-suq Grieg".

69. Il-fatt li "l-kuntratti għall-użu tal-mużika jiġu konklużi biss ma' xandara tar-radju u tat-televiżjoni u utenti oħra li jinsabu fil-Greċja" kif ukoll il-fatt li t-tliet korpi ta' tmexxija tad-drittijiet relatati "għandhom biss il-kompetenza għall-ħarsien tad-drittijiet relatati fil-Greċja u ma għandhomx il-possibbiltà prattika li jeżerċitaw din il-kompetenza barra minn dan il-pajjiż" ma jippermettix l-esklużjoni tal-possibbiltà li l-effetti tal-prattiċi allegati jinfirxu barra mit-territorju Grieg għad-dannu ta' awturi u korpi fi Stati Membri oħra. Dawn iċ-ċirkustanzi, imfakkra fid-deċiżjoni kkontestata, jippermettu biss li jiġi sostnut li *fost l-utenti tal-mużika* huma biss dawk stabbiliti fil-Greċja li jbatu mill-effetti dannużi tal-ksur allegat. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-firxa ta' *proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur* u tal-*korpi għall-ħarsien ta' dawn id-drittijiet* potenzjalment ippreġudikati, l-istess ċirkustanzi ma jippermettux li wieħed jidentifikaha bħala li tikkonċerna dawk stabbiliti fil-Greċja [27].

70. Huwa minnu li l-Kummissjoni, fir-risposta tagħha ppreżentata fil-Qorti tal-Prim'Istanza, osservat li "dak li għandu jiġi

27 — F'dan is-sens, ma tidhirx adegwata l-analiżi magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 50 tas-sentenza appellata, ikkontestata permezz tar-raba' aggravju.

kkunsidrat huwa jekk il-prattika tat-tliet korpi msemmija 'l fuq, allegata mir-rikorrenti, tipproduċix l-effetti tagħha *fil-parti l-kbira* jew kompletament fis-suq Grieg". F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li l-elementi kollha li jikkostitwixxu l-allegat ksur skont l-Artikoli 81 KE u 82 KE "jseħħu *fil-parti l-kbira*, jekk mhux esklużivament, fis-suq Grieg" u qieset li kien "loġiku li wieħed jikkunsidra li l-qalba tal-ksur allegat kienet tinsab ġewwa s-suq Grieg, minħabba li hemmhekk kellhom *essenzjalment* jinħassu l-effetti tal-ksur allegat" [28].

71. Din il-pożizzjoni madankollu tidher li qed tintroduċi varjazzjoni importanti meta mqabbla ma' dak li ġie sostnut fid-deċiżjoni kkontestata, fejn il-Kummissjoni kjarament u mingħajr dubji eskludiet li l-prattiki allegati setgħu iħallu effetti barra mit-territorju Grieg. Fir-risposta tal-Qorti tal-Prim'Istanza, permezz tal-użu tal-frażijiet "fil-parti l-kbira" u "essenzjalment", il-Kummissjoni min-naħa l-oħra aċċettat il-possibbiltà li xi effetti, anki jekk minimi, tal-ksur allegat setgħu jirriżultaw barra minn dak it-territorju.

72. B'rikors għal annullament, il-qorti Komunitarja hija madankollu mitluba tiddeċiedi dwar il-konformità mad-dritt tad-deċiżjoni kkontesta mar-rikors u mhux tal-evalwazzjonijiet li l-awtur tagħha jressaq quddiemha sabiex tbiddel, totalment jew parzjalment, l-evalwazzjonijiet stabbiliti mid-deċiżjoni nnifisha.

28 — Risposta, punti 29 u 30 (il-korsiv huwa tiegħi).

73. Għandu jingħad ukoll li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-konklużjoni dwar in-nuqqas ta' ostakoli importanti fis-suq komuni fil-każ inkwistjoni, hija bbażata fuq il-konstatazzjoni, li l-appellanta pprovat li kienet manifestament żbaljata, li l-partijiet ikkonċernati u l-effetti eventwali tal-ksur allegat kienu preżenti *biss fit-territorju Grieg.*

74. Anki li kieku kellu jitqies, għaldaqstant, kif ipotizzat il-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha fil-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-effetti li l-ksur allegat jikkawża fit-territorju ta' Stati Membri oħra huma minimi — li wara kollox ma jistax, fl-opinjoni tiegħi, jiġi preżunt abbażi tas-sempliċi fatt li l-kompetenza tal-korpi li dwarhom ilmentat l-appellanta hija limitata għall-Greċja –, dan xejn ma jneħħi mill-fatt li l-konstatazzjoni hija żbaljata u għaldaqstant, minħabba r-raġunijiet esposti fil-punti 63 sa 66 iktar 'il fuq, li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali.

75. Għaldaqstant, ma nistax ma nissuġġerix lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tilqa' dan l-aggravju u tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

*Fuq l-ispejjeż*

76. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' definittivament il-kawża, hija għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. Barra minn

hekk, skont l-Artikolu 69(2) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli permezz tal-Artikolu 118 għall-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

77. Peress li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tilqa' l-appell kif ukoll ir-rikors għal annullament ippreżentati mill-appellanta, nissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni, li titlef il-kawża, tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, skont kif mitlub mill-appellanta.

**Konklużjoni**

78. Fid-dawl ta' dak li jintqal qabel, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

"1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Lulju 2007, Kawża T-229/05, AEPI vs Il-Kummissjoni, hija annullata.

2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tat-18 ta' April 2005, li tiċħad ilment rigward allegat ksur tal-Artikoli 81 KE u 82 KE min-naħa tal-korpi Griegi ta' tmexxija kollettiva tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-mużika, hija annullata.

3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż relatati kemm mal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll mal-appell".